L-applikazzjoni għandha tinkludi sommarju tal-kwalifiki u esperjenza relevanti relevanti f'dan il-qasam.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu lil:
Il-*Project Leader*
Is-Sur Joseph C. Buttigieg, ADE.
Kamra 320,
Dipartiment ta' Aktar Studji u Edukazzjoni għall-Adulti
Floriana.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, il-5 ta' Lulju, 2005

L-24 ta' Ġunju, 2005

awardee will have no rights outside final settlement, which will be effected in full at the satisfactory completion of all the stipulated parameters.

• The documents should be ready for printing by not later than May 2006.

• The budget for this contract is 14,000 Euros, (inclusive of VAT).

An adjudicating board will award the contract and the right of refusal will be the board's prerogative.

The application must include a summary of relevant qualifications and experience in this field.

Applications are to be sent to:
The Project Leader
Mr. Joseph C. Buttigieg, ADE.
Room 320,
Department of Further Studies and Adult Education.
Floriana.

Applications will be received up to noon of Tuesday 5th July, 2005.

24th June, 2005

## IL-KUNSILL MALTI GĦALL-KULTURA U L-ARTI

Il-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti jgħarraf illi sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-6 ta' Lulju 2005 jintlaqgħu offerti magħluqin fil-kaxxa ta' l-offerti tal-Kunsill f'Casa Gaspe, 230, Triq ir-Repubblika, Valletta għal:

Kiri u stallazzjoni ta' sistema ta' *reinforced sound*
Kiri u stallazzjoni ta' sistema ta' dwal għal fuq il-palk
Kiri u stallazzjoni ta' *projection*
Kiri u mmuntar ta' tinda għall-palk

għall-Festival Malta 2005 li se jsir bejn it-18 ta' Lulju u s-7 ta' Awissu 2005 fil-Waterfront, il-Port il-Kbir, Valletta.

Il-formoli ta' l -offerti jistgħu jinkisbu mill-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti, Casa Gaspe, 230, Triq ir-Repubblika, Valletta waqt il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju.

L-24 ta' Ġunju, 2005

## THE MALTA COUNCIL FOR CULTURE AND THE ARTS

The Malta Council for Culture and the Arts notifies that up to 10.00 a.m. of Wednesday, 6th July 2005 separate sealed tenders will be received at the tender box of the Council at Casa Gaspe, 230, Triq ir-Repubblika, Valletta for:

Hiring and installation of reinforced sound system
Hiring and installation of stage lighting system
Hiring and installation of projection
Hiring and mounting of canopy for stage

for the Festival Malta 2005 to be held between 18th July and 7th August 2005 at the Waterfront, Grand Harbour, Valletta.

Forms of tender may be obtained from the Malta Council for Culture and the Arts, Casa Gaspe, 230, Triq ir-Repubblika, Valletta during normal office hours.

24th June, 2005

KORPORAZZJONI TAX-XOGĦOL U TAĦRIĠ

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:

**Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Lulju, 2005 fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Uffiċċju Ewlieni ta' l-ETC, Ħal Far, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:**

Avviż Nru. 03/2005. Fornitura ta' servizzi ta' aġent/aġenzija ta' reklamar biex ipoġġi reklami ta' l-ETC fil-medja lokali, jiġifieri TV, radju u gazzetti b'kuntratt għal sena.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni jew b'*e-mail* lil:
communications@etc.org.mt

L-24 ta' Ġunju, 2005

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

The Chairman notifies that:

**Sealed tenders will be received at the tender box of the ETC Head Office, Ħal Far up to noon of Friday, 8th July, 2005, for:**

Advt. No. 03/2005. Aquisition of services of an advertising agent/agency to place ETC adverts on the local media namely TV, radio and newspapers on a one year period contract.

Tender documents may be obtained from the Communications Office or by e-mail to:
communications@etc.org.mt

24th June, 2005

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA

Id-Direttur Ġenerali Saħħa jgħarraf illi:–

**Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-27 ta' Lulju, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–**

Avviż Nru. 42/05. Kafé.
Avviż Nru. 43/05. *Luncheon meat.*
Avviż Nru. 44/05. Melħ.
Avviż Nru. 45/05. Kunserva.
Avviż Nru. 46/05. *Corned beef.*

Il-formoli ta' l-offerti u aktar tagħrif dwar il-kondizzjonijiet ta' dawn l-offerti jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima tal-Provvisti, Bini tas-Servizzi Mediċi, Pjazza San Luqa, Guardamangia, mit-8.00 a.m. san-12.30 p.m.

L-24 ta' Ġunju, 2005

HEALTH DIVISION

The Director General Health notifies that:-

**Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Wednesday, 27th July, 2005, for:-**

Advt. No. 42/05. Coffee.
Advt. No. 43/05. Luncheon meat.
Advt. No. 44/05. Salt.
Advt. No. 45/05. Tomato paste.
Advt. No. 46/05. Corned beef.

Forms of tenders and further information regarding the conditions of these tenders may be obtained from the Health Division, Supplies Section, Medical Stores Building, St. Luke's Square, Guardamangia, from 8.00 a.m. to 12.30 p.m.

24th June, 2005

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA –
TAQSIMA TAL-PROĠETTI

Id-Direttur Ġenerali (Saħħa) jgħarraf illi:–

**Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, is-26 ta' Lulju, 2005 jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:–**

Kwot. Nru. CAP. Q 02/05. Provvista ta' magna *portable b-glucose*.

Kwot. Nru. CAP. Q 03/05. Provvista ta' *portable overhead heater* għat-trabi li għadhom kif jitwieldu.

Kwot. Nru. CAP. Q 04/05. Provvista ta' *electronic weighing scale* għat-trabi li għadhom kif jitwieldu.

HEALTH DIVISION –
PROJECTS SECTION

The Director General (Health) notifies that:-

**Sealed quotations will be received up to 10.00 a.m. of Tuesday, 26th July, 2005, for:-**

Quot. No. CAP. Q 02/05. Supply of portable b-glucose machine.

Quot. No. CAP. Q 03/05. Supply of portable overhead heater for neonates.

Quot. No. CAP. Q 04/05. Supply of electronic weighing scale for neonates.

Il-formoli tal-kwotazzjonijiet u aktar tagħrif dwar il-kondizzjonijiet ta' dawn il-kwotazzjonijiet jinkisbu mit-Taqsima tal-Proġetti, Bini tal-*Medical Stores,* Pjazza San Luqa, Guardamangia, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-24 ta' Ġunju, 2005

Forms of quotations and further information regarding the conditions of these quotations may be obtained from the Projects Section, Medical Stores Building, St Luke's Square, Guardamangia on any working day from 8.30 a.m. to noon

24th June, 2005

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia jgħarraf illi:-

**Sad-9.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Lulju, 2005 fil-Kaxxa Ħadra fir-*reception area* tas-Servizzi Farmaċ ewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, l-Imsida, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin., għal:-**

Kwot. PFI Nru. 2084. *Haloperidol 1.5mg tabs.*
Kwot. PFI Nru. 2085. *Dobutamine HCI 250mg/20ml injections.*
Kwot. PFI Nru. 2086. *Piracetam 800mg tabs.*
Kwot. PFI Nru. 2087. *Bumetanide 2mg/4ml injections.*
Kwot. PFI Nru. 2088. *Oral, north-facing preformed endotracheal tubes, size 4.5mm&5.5mm*

Il-*PFI's* imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.health.gov.mt/gps/pfi.htm.

Aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-24 ta' Ġunju, 2005

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia notifies that:

**Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, by 9.00 a.m. of Friday, 1st July 2005, for:-**

Quot. PFI No. 2084. Haloperidol 1.5mg tabs.
Quot. PFI No. 2085. Dobutamine HCI 250mg/20ml injections.
Quot. PFI No. 2086. Piracetam 800mg tabs.
Quot. PFI No. 2087. Bumetanide 2mg/4ml injections.
Quot. PFI No. 2088. Oral, north-facing preformed endotracheal tubes, size 4.5mm&5.5mm

All the above PFI's can be downloaded from http://www.health.gov.mt/gps/pfi.htm.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

24th June, 2005

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia jgħarraf illi:-

**Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, il-25 ta' Lulju, 2005 fil-Kaxxa ta' l-Offerti Nru. 2 (Kulur Kannella) jintlaqgħu offerti magħluqin għall-provvista ta':-**

Avviż Nru. MST 503/05. *AO/ASIF shanz screws.*
Avviż Nru. MST 504/05. *Angenieux operational light handles.*
Avviż Nru. MST 505/05. *Instrument lubricant milk.*
Avviż Nru. MST 506/05. *Barrier nephroscopy sheets.*
Avviż Nru. MST 507/05. *Surgical stockinette, size 5, 7.5 and 10.*
Avviż Nru. MST 508/05. *Chemical sets (developer and fixer for dental x-ray films).*

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia notifies that:

**Sealed tenders will be received in the Tender Box No. 2 (Colour Brown) up to 10.00 a.m. on Monday, 25th July, 2005, for the supply of:-**

Advt. No. MST 503/05. AO/ASIF shanz screws.
Advt. No. MST 504/05. Angenieux operational light handles.
Advt. No. MST 505/05. Instrument lubricant milk.
Advt. No. MST 506/05. Barrier nephroscopy sheets.
Advt. No. MST 507/05. Surgical stockinette, size 5, 7.5 and 10.
Advt. No. MST 508/05. Chemical sets (developer and fixer for dental x-ray films).

Avviż Nru. MST 509/05. *Sterile drape – adhesive area 40 –45 x 50 – 60cms.*

Avviż Nru. MST 510/05. *Paediatric endotracheal intubation stylet.*

Avviż Nru. MST 511/05. *Zero tip nitinol stone retrieval basket.*

Avviż Nru. MST 512/05. *Blind hubs.*

Avviż Nru. MST 513/05. *Xylometazoline hydrochloride 0.1% nasal drops.*

Avviż Nru. MST 514/05. *Consumables for pulse oximetry criticare.*

Avviż Nru. MST 515/05. *Bags sterilisation size 90 x 50 x 250mm.*

Avviż Nru. MST 516/05. *15mm reusable swivel connector.*

Avviż Nru. MST 517/05. *Face mask angled connector.*

Avviż Nru. MST 518/05. *Diphenhydramine and menthol oral liquid.*

Avviż Nru. EXMST 246/05. *Pyrazinamide 500mg tablets.*

Avviż Nru. EXMST 149/05. *Diazepam 5mg tablets.*

Avviż Nru. EXMST 534/04. *Morphine 15mg/ml injections.*

Avviż Nru. EXMST 119/05. *Dextran 70 6% in sodium chloride I.V. infusion 0.9%.*

Avviż Nru. EXMST 257/05. *Calcium with vitamin C efferevescent tablets.*

L-offerti kollha msemmija hawn fuq tal-*Medical Stores* jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.health.gov.mt/gps/mst.htm.

Aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Pjazza San Luqa, Guardamangia, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-24 ta' Ġunju, 2005

Advt. No. MST 509/05. Sterile drape – adhesive area 40 – 45 x 50 – 60cms.

Advt. No. MST 510/05. Paediatric endotracheal intubation stylet.

Advt. No. MST 511/05. Zero tip nitinol stone retrieval basket.

Advt. No. MST 512/05. Blind hubs.

Advt. No. MST 513/05. Xylometazoline hydrochloride 0.1% nasal drops.

Advt. No. MST 514/05. Consumables for pulse oximetry criticare.

Advt. No. MST 515/05. Bags sterilisation size 90 x 50 x 250mm.

Advt. No. MST 516/05. 15mm reusable swivel connector.

Advt. No. MST 517/05. Face mask angled connector.

Advt. No. MST 518/05. Diphenhydramine and menthol oral liquid.

Advt. No. EXMST 246/05. Pyrazinamide 500mg tablets.

Advt. No.EXMST 149/05. Diazepam 5mg tablets.

Advt. No. EXMST 534/04. Morphine 15mg/ml injections.

Advt. No. EXMST 119/05. Dextran 70 6% in sodium chloride I.V. infusion 0.9%.

Advt. No. EXMST 257/05. Calcium with vitamin C efferevescent tablets.

All the above Medical Stores Tenders can be downloaded from http://www.health.gov.mt/gps/mst.htm.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services, Pjazza San Luqa, Guardamangia, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

24th June, 2005

## SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur, Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, jgħarraf illi:-

**Sad-9.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, l-14 ta' Lulju 2005, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-**

Kwot. Nru. E0380. *Monofilament polypropylene suture GO on 30mm 1/2 circle.*

Kwot. Nru. E0381. *Neo-natal (paediatric) haemodialysis blood lines* biex jintużaw fuq *Cobe C3/INNOVA machine.*

Kwot. Nru. E0382. *Monofilament polydiaxanone G1, 40mm 1/2 circle Rb*

Kwot. Nru. E0383. *Narrow dynamic compression plates.*

Kwot. Nru. E0384. *Paediatric AO/ASIF osteotomy plates.*

Kwot. Nru. E0385. *Hegars dilators x 8 (sites).*

Kwot. Nru. E0386. *Dissecting forceps 7".*

Kwot. Nru. E0387. *Cytology markers.*

Kwot. Nru. E0388. *Tape dispenser double row.*

Kwot. Nru. E0389. *Traverse retractor.*

## GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, notifies that:-

**Sealed quotations will be received up to 9.00 a.m. of Thursday, 14th July, 2005, for:-**

Quot. No. E0380. Monofilament polypropylene suture GO on 30mm 1/2 circle.

Quot. No. E0381. Neo-natal (paediatric) haemodialysis blood lines for use on Cobe C3/INNOVA machine.

Quot. No. E0382. Monofilament polydiaxanone G1, 40mm 1/2 circle Rb

Quot. No. E0383. Narrow dynamic compression plates.

Quot. No. E0384. Paediatric AO/ASIF osteotomy plates.

Quot. No. E0385. Hegars dilators x 8 (sites).

Quot. No. E0386. Dissecting forceps 7".

Quot. No. E0387. Cytology markers.

Quot. No. E0388. Tape dispenser double row.

Quot. No. E0389. Traverse retractor.

Kwot. Nru. E0390. *Langenbeck retractors 1/2" x 13/4" x 81/4".*

Kwot. Nru. E0391. *Sterile plain swabs.*

Kwot. Nru. E0392. *Patients bibs.*

Kwot. Nru. E0393. *Injectable calcium hydroxide.*

Kwot. Nru. E0394. *Fisher sealant.*

Kwot. Nru. E0395. *Dental mirror tips.*

Kwot. Nru. E0396. *Cervical brushes.*

Kwot. Nru. E0397. *20cc syringes for cardiac surgery.*

Kwot. Nru. E0398. *15mm catheter mount adaptor.*

Kwot. Nru. E0399. *Kleinsasser handle.*

Kwot. Nru. E0400. *Lenses for re-inverting operating lens system.*

Kwot. Nru. E0401. *Adaptor.*

Il-kwotazzjonijiet kollha msemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.health.gov.mt/gps/quot.htm.

Aktar informazzjoni dwar il-kwantitajiet u kondizzjonijiet ta' dawn il-kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

L-24 ta' Ġunju, 2005

Quot. No. E0390. Langenbeck retractors 1/2" x 13/4" x 81/4".

Quot. No. E0391. Sterile plain swabs.

Quot. No. E0392. Patients bibs.

Quot. No. E0393. Injectable calcium hydroxide.

Quot. No. E0394. Fisher sealant.

Quot. No. E0395. Dental mirror tips.

Quot. No. E0396. Cervical brushes.

Quot. No. E0397. 20cc syringes for cardiac surgery.

Quot. No. E0398. 15mm catheter mount adaptor.

Quot. No. E0399. Kleinsasser handle.

Quot. No. E0400. Lenses for re-inverting operating lens system.

Quot. No. E0401. Adaptor.

All quotations listed above can be downloaded from http://www.health.gov.mt/gps/quot.htm.

Further information regarding the quantities and conditions of these quotations may be obtained from the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, between 8.00 a.m. and noon.

24th June, 2005

## ORGANIZZAZZJONI TA' L-EUROCONTROL

L-Organizzazzjoni ta' l-Eurocontrol tgħarraf illi:-

**Sa nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Lulju, 2005, it-Taqsima tal-*Procurement* u Ftehim Speċjali ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Eurocontrol tilqa' offerti għal:–**

Avviż Nru. AO/49/HQ/CG/05. Titjib ta' *CIDIN management application.*

Il-formoli ta' l-offerta u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu sal-11 ta' Lulju, 2005, mingħand Ms Chiara Giamboi, Taqsima tal-*Procurement* u Arranġamenti Speċjali, bl-indirizz elettroniku:

chiara.giamboi@eurocontrol.int, Tel. Nru. ++322 729.4626, *fax* ++322729.9142,

u mill-*website* ta' l-Organizzazzjoni ta' l-*Eurocontrol*

http://www.eurocontrol.int/business/cfi.html

L-24 ta' Ġunju, 2005

## EUROCONTROL ORGANISATION

The Eurocontrol Organisation notifies that:-

**Up to Friday, 29th July, 2005, the Procurement and Special Agreements Section of the Eurocontrol Organisation receives offers for:–**

Advt. No. AO/49/HQ/CG/05. Upgrade of CIDIN management application.

Forms of tender and further information may be obtained up to the 11th July, 2005, from Ms Chiara Giamboi, Procurement and Special Agreements Section, e-mail address:

chiara.giamboi@eurocontrol.int, Tel. No. ++322 729.4626, fax ++322729.9142,

and Eurocontrol Organisation's website

http://www.eurocontrol.int/business/cfi.html

24th June, 2005

FONDAZZJONI TAL-KON-KATIDRAL TA' SAN ĠWANN

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Awissu 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin fil-Fondazzjoni tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann, għal *standby generator* u xogħlijiet ta' l-elettriku fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann f'Valletta.

Il-formoli ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-Fondazzjoni tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann, Triq San Ġwann, Valletta, fuq ħlas ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom jiġu indirizzati lill-President, il-Kon-Katidral ta' San Ġwann, Triq San Ġwann, Valletta.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn l-Inġ. Paul Meilak, Meilak Associates fuq in-numru tat-telefon 21415292, numru tal-*mobile* 99474574, *email:* meilak@onvol.net

L-24 ta' Ġunju, 2005

ST JOHN'S CO-CATHEDRAL FOUNDATION

Sealed tenders will be received at St John's Co-Cathedral Foundation up to noon of Friday, 5th August 2005, for standby generator and electrical works at St John's Co-Cathedral in Valletta.

Tender forms may be obtained from the St John's Co-Cathedral Foundation, Triq San Ġwann, Valletta, on payment of a fee of Lm20 for every copy of tender document.

Tenders should be addressed to The President, St John's Co-Cathedral, Triq San Ġwann, Valletta.

Further information may be obtained from Ing. Paul Meilak, Meilak Associates on telephone number 21415292, mobile number 99474574, email: meilak@onvol.net.

24th June, 2005

SKOLA SEKONDARJA TAL-BNIET SIR LUIGI PREZIOSI, TRIQ FALAISE, PEMBROKE

Il-Kap, flimkien mal-Kunsill Skolastiku, jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-6 ta' Lulju 2005, jintlaqgħu dokumenti ta' l-offerta mimlija kif suppost bissomma offruta miktuba ċar f'*envelope* magħluq provdut mill-iskola u mitfugħa fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola għat-tmexxiija tat-*tuckshop* ta' l-iskola għas-sena skolastika 2005/2006.

Id-dokument ta' l-offerta bil-kundizzjonijiet u l-formola ta' l-offerta fejn għandha titniżżel l-offerta, jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tal-Kap matul il-ġranet ta' l-iskola bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar.

L-offerti li jaslu wara d-data u l-ħin stabbilit għall-għeluq ma jkunux ikkunsidrati.

L-offerti li jaslu jinfetħu fil-preżenza ta' l-offerenti interessati.

L-24 ta' Ġunju, 2005

SIR LUIGI PREZIOSI GIRLS' SECONDARY SCHOOL, TRIQ FALAISE, PEMBROKE

The Head, together with the School Council, notifies that:-

Tender documents duly filled in and showing clearly the sum offered should be sealed in the envelope provided by the school and deposited in the tender box in the School Head's Office by not later than 10.00 a.m. of Wednesday, 6th July 2005, for the running of the school's tuck shop during the scholastic year 2005/2006.

The tender document containing the conditions and the form on which the offer should be tendered, may be obtained from the Head's Office during school days between 9.00 a.m. and noon.

Tenders received after the closing date and time will not be considered.

Tenders received will be opened in the presence of interested tenderers.

24th June, 2005

KUNSILL LOKALI SANNAT

Il-Kunsill Lokali Sannat jgħarraf illi:-

**Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Lulju 2005, fl-uffiċċju tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-**

Avviż Nru. 03/2005. Servizz ta' *handyman*.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill mit-Tnejn sal-Ġimgħa waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju għal ħlas ta' Lm10 għal kull dokument.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku eżattament fil-ħin u d-data ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

L-24 ta' Ġunju, 2005

SANNAT LOCAL COUNCIL

The Sannat Local Council notifies that:-

**Sealed tenders will be received in the Council's office up to noon of Friday, 8th July 2005, for:**

Advt. No. 03/2005. Service of a handyman.

Tender documents may be collected from the Council's office from Monday to Friday during office hours against a payment of Lm10 for each document.

Tenders will be opened in public on the time and closing date.

The Council reserves the right to refuse all tenders, even the most advantageous offer.

24th June, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1336

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-6 ta' Ġunju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fis-17 ta' Marzu 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Diane Hili (ID 43584(M)) ta' 13, Flat 2, Triq Santa Marija Sliema, tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet mija u erbgħa u sittin lira Maltija u sebgħa u sittin ċenteżmu (Lm364.67) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Talba Numru 691/05JB) hija differita għall-4 ta' Lulju 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 20 ta' Ġunju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 6th June 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 17th March 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Diane Hili (ID 43584(M)) of 13, Flat 2, Triq Santa Marija Sliema, to pay the plaintiff company the sum of three hundred and sixty four Maltese liri and sixty seven cents (Lm364.67) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 691/05JB) is put off on the 4th July 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 20th June 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1337

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-16 ta' Mejju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fit-22 ta' Marzu 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Lorry Grioli (ID 444748(M)) ta' 16, Triq Santa Katerina, l-Isla, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u seba' liri Maltin u ħdax-il ċenteżmu (Lm207.11) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Talba Numru 725/05JR) hija differita għat-30 ta' Ġunju 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 20 ta' Ġunju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 16th May 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 22nd March 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Lorry Grioli (ID 444748(M)) of 16, Triq Santa Katerina, Senglea, to pay the plaintiff company the sum of two hundred and seven Maltese liri and eleven cents (Lm207.11) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 725/05JR) is put off on the 30th June 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 20th June 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1338

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-16 ta' Mejju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fl-1 ta' April 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Maria Giovanna Alexandra Riahi (ID 547973(M)) ta' 147, Triq it-Tramuntana, Valletta, tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet mija u ħamsa u sittin lira Maltija u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm365.86) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Talba Numru 760/05JR) hija differita għat-30 ta' Ġunju 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 20 ta' Ġunju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 16th May 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 1st April 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Maria Giovanna Alexandra Riahi (ID 547973(M)) of 147, Triq it-Tramuntana, Valletta, to pay the plaintiff company the sum of three hundred and sixty five Maltese liri and eighty six cents (Lm365.86) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 760/05JR) is put off on the 30th June 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 20th June 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1339

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-17 ta' Marzu 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fit-30 ta' Novembru 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Charles Sammut, 68, Triq is-Suq, il-Furjana, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf, mija u tmienja u tletin lira Maltija u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm1,138.88) liema ammont huwa dovut is-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 2236/04 PBC) hija differita għas-7 ta' Lulju 2005 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 23 ta' Ġunju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 17th March 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 30th November 2004 whereby they asked the Tribunal to condemn Charles Sammut, 68, Triq is-Suq, Floriana, to pay the plaintiff company the sum of one thousand, one hundred and thirty eight Maltese liri and eighty eight cents (Lm1,138.88) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 2236/04PBC) is put off to the 7th July 2005 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 23rd June 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1340

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-16 ta' Mejju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fl-1 ta' April 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Raymond Falzon (ID 568861 (M)) ta' 68, "Silver Shadow", Triq is-Sajf, Ħal Qormi, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf, tliet mija u ħdax -il lira Maltija u erba' ċenteżmi (Lm1,311.04) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Talba Numru 755/05JR) hija differita għat-30 ta' Ġunju 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 20 ta' Ġunju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 16th May 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 1st April 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Raymond Falzon (ID 568861 (M)) of 68, "Silver Shadow", Triq is-Sajf, Qormi, to pay the plaintiff company the sum of one thousand, three hundred and eleven Maltese liri and four cents (Lm1,311.04) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 755/05JR) is put off on the 30th June 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 20th June 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1341

B'digriet mogħti mill-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) fit-23 ta' Mejju, 2005 fuq rikors ta' L&A CAMILLERI LTD ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 7 ta' Lulju, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-23 ta' Mejju, 2005 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin minghand MEDAIRCO LTD.

1. tliet air-conditioners Fairland 120 F W.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, it-Tlieta, l-24 ta' Mejju, 2005.

VINCENT ATTARD
Deputat Reġistratur

By decree given by the COURT OF MAGISTRATES (MALTA) on 23rd May, 2005 on the application of L&A CAMILLERI LTD, Thursday, 7th July, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 23rd May, 2005 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of MEDAIRCO LTD.

1. three air-conditioners Fairland 120 F W.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 24th May, 2005.

VINCENT ATTARD
Deputy Registrar

1342

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Ġunju 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 107/05 JRM, fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Debono vs Alfred u Doris konjugi Galea, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Maria Dolores sive Doris Debono, ippreżentat Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 ta' Frar 2005 kontra Alfred u Doris konjugi Galea, fejn talbet il-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1) prevja dikjarazzjoni li l-konvenuti huma morużi fil-ħlas taċ-ċens fuq il-plot numru sitta u l-art warajha, illum il-fond numru 27, fi Triq Ġebel Ħanxul, Marsascala; 2) tirrexxindi u thassar l-enfitewsi eżistenti bejn il-partijiet fuq l-istess plot 6, u l-art warajh, bil-benefikati fuqha, fuq indikata f'numru 27, u tirriverti l-istess propjetà lill-attriċi; 3) tordna li jiġi ppubblikat l-att pubbliku ta' rexxissjoni u dana f'data, ħin u lok ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti u tinnomina Kuratur Deputat biex jidher għall-eventwali kontumaċi Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u opportun u 4) tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi s-somma ta' mija u disgħa u tletin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm139.50).

Bl-ispejjeż u l-VAT inklużi dawk ta' l-ittra tal-21 ta' Mejju 2004, kontra l-konvenuti minn issa inġunti in subizzjoni.

Notifika: 27, Triq Ġebel Ħanxul, Marsascala.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Ġunju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 8th June 2005, in the records of the Writ of Summons number 107/05 JRM, in the names Maria Dolores sive Doris Debono vs Alfred u Doris spouses Galea, ordered the following publication for the purpose of service of the defendants, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Maria Dolores sive Doris Debono, filed a Writ of summons in the First Hall Civil Court on the 1st February 2005, against Alfred and Doris spouses Galea, whereby they asked the defendants to state why this Honourable Court should not:

1) saving the declaration that the defendants are in delay in the payment of groundrent on plot number six and the land behind it, today premises number 27, in Ġebel Ħamxul Street, Marsascala; 2) rescind and cancel the emphyteusis, existing between the parties on the same plot 6 and the land behind it, with the ameliorations on, above indicated in number 27, and revert the same property to the plaintiff; 3) order that the public deed of rescission be published at a date, time and place fixed by this Honourable Court and appoint a Deputy Curator to appear for the eventual defaulter, a Notary Public to publish the relative and opportune deed and condemn the defendants to pay the plaintiffs the sum of one hundred and thirty nine Maltese liri and fifty cents (Lm139.50).

With costs and Vat including those of the 21st May 2004, against the defendants, from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Service at: 27, Ġebel Ħanxul Street, Marsascala.

Registry of the Superior Courts, today 20th June 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1343

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għat-Talbiet Żgħar, tat-30 ta' Mejju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-kuraturi.

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn dan it-Tribunal fuq talba ta' Maltacom p.l.c. ġie ordnat illi jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrapreżentaw lil assenti Jennifer Attard assenti minn dawn il-gżejjer fl-avviż tat-talba numru 336/05JR fejn l-imsemmija soċjetà esponiet:

Illi Jennifer Attard għandha tiġi kkundannata sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmien mija u tnejn u disgħin lira Maltija u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm892.43) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi rappreżentanti servizzi telefoniċi.

Att: Maltacom p.l.c., Spencer Hill, Marsa.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja ta' dan il-bandu fid-daħla tal-Qorti, u sejjaħ lil kull min irid idaħħal bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll illi tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx hekk fi żmien mogħti, dan it-Tribunal jgħaddi biex jagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil dan it-Tribunal.

Il-kawża (Talba Numru 336/05JR) tinsab differita għat-30 ta' Ġunju 2005 fin-12.30 p.m.

Mogħti mit-Tribunal għall-Talbiet Żgħar, fuq xhieda ta' Dott. Joseph Refalo, Ġudikatur tat-Tribunal hawn fuq imsemmi.

Illum 30 ta' Mejju 2005

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 20 ta' Ġunju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 30th May 2005, the publication of the following bann which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Bann for Curators

REPUBLIC OF MALTA

To the Court Marshall

By a decree given by the Small Claims Tribunals on the application of Maltacom p.l.c. it was ordered the selection of Deputy Curators to represent Jennifer Attard absent from these islands in the case Notice Number 336/05JR and in the relative judicial acts where the said commercial plaintiff pleaded:

That Jennifer Attard has to be condemned to pay the commercial society the sum of eight hundred and ninty two Maltese liri and forty three cents (Lm892.43) which amount is due to the plaintiff company representing telephone services.

Plaintiff: Maltacom p.l.c., Spencer Hill, Marsa.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of the Court to summon whoever wishes to act as curotor to appear before this registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform every one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Tribunal will proceed to the selection of curators of office.

After so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Tribunal.

The case (Claim Number 336/05JR) is put off on the 30th June 2005 at 12.30 p.m.

Given by the aforementioned Small Claims Tribunal with the witness of Dr Joseph Refalo, Doctor of Laws, Ajudicator of the above mentioned Tribunal.

Today 30th May 2005

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 20th June 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1344

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Mejju 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fil-5 ta' April 2005, (3034/2005) fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C2833) vs Mary Louise Zarb ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-15 ta' April 2005, lil Mary Louise Zarb, is-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. interpellat lil intimata sabiex fi żmien jumejn thallas is-somma ta' ħames mija u ħamsa u għoxrin lira Maltija u wieħed u sebgħin ċenteżmu (Lm525.71) bilanċ għad-debitu fil-'Loan Account' tagħha mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April 2005, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk inti tonqos hija se tkun kostretta tippproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Soċjetà mittenti: Bank of Valletta p.l.c.
173, St. Christopher Street, Valletta.

Intimata: Mary Louise Zarb (I.D. Numru 71880M)
11, Bjornmic, Triq San Lawrenz, Birkirkara.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 20 ta' Ġunju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 24th May 2005, in the records of the judicial letter filed on the 5th April 2005 (3034/2005) , in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Mary Louise Zarb ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 15th April, Mary Louise Zarb, the company Bank of Valletta p.l.c. called upon the respondent so that within two days he pays the sum of five hundred and twenty five Maltse liri and seventy one cents (Lm525.71) balance of debt in her Loan Account with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interest from the 1st April 2005, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant company: Bank of Valletta p.l.c.
173, St. Christopher Street, Valletta.

Respondent: Mary Louise Zarb (ID Number 71880M)
11, Bjornmic, St. Lawrence Street, Birkirkara.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 20th June 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1345

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tas-17 ta' Ġunju 2005, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivil (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta.

Lill-Marixxall tal-Qrati.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-17 ta' Ġunju 2005, fuq talba ta' Joe Pace, ġie ordnat li jintgħażlu Kuraturi Deputati biex jirrapreżentaw lill-assenti Leslie Anne Pace, fl-atti ta' l-Ittra Numru 591/05 JA, fl-ismijiet 'Joe Pace vs Kuraturi Deputati' u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

It is hereby notified that by a decree of the 17th June 2005, the Civil Court (Family Section) ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purposes of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

Bann for Curators

Republic of Malta.

To the Marshal of the Courts.

Whereas by decree given by this Court on the 17th June 2005, following a request of Joe Pace, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent Leslie Anne Pace, in the records of the Letter Number 591/05 JA, in the names 'Joe Pace vs Deputy Curators' and in the relative and subsequent acts.

Permezz ta' ittra ppreżentata fil-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja, fis-16 ta' Ġunju 2005, is-Sur Joe Pace (ID 31464M) ta' 166, Fleet Street, Gżira, ippremetta illi:

Ilu li żżewweġ lil martu Leslie Ann Pace, ta' nazzjonalità Ingliża, fit-3 ta' Mejju 1992. Minn dan iż-żwieġ , il-partijiet kellhom tifel Nicholas Pace li twieled fis-27 ta' Lulju 1992.

Sitt snin ilu Leslie Anne Pace telqet mid-dar matrimonjali u minn dakinhar ma rritornatx lejn id-dar matrimonjali u ma wriet l-ebda interess li qatt tirritorna tant illi stabbiliet ir-residenza tagħha fl-Ingilterra flimkien mat-tifel Nicholas Pace li ġie affidat lilha permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mogħtija fit-8 ta' Frar 1998.

.....Omissis.....

Għaldaqstant permezz tal-preżenti ittra l-klijent tiegħi jitlob li jingħata l-awtorizzazzjoni meħtieġa sabiex jipproċedi b'kawża għall-firda personali minn ma' martu Leslie Anne Pace, a bażi ta' abbandun (Artikolu 41 ta' Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

In vista tal-premess, nitolbok tipproċedi skond kif provdut fir-regolament 4(1) et seq ta' l-A. L. 397/2003.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b' dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) hawn fuq imsemmija,

Bix-xhieda ta' l-Onor. Noel Cuschieri, LL.D.
Duttur tal-Liġi, Imħallef.

Illum 17 ta' Ġunju 2005.

Reġistru tal-Qorti Ċivili ( Sezzjoni tal-Familja), illum 21 ta' Ġunju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a letter filed in the Civil Court, Family Section, on the 16th June 2005, Mr Joe Pace (ID 31464M) of 166, Fleet Street, Gżira, premised that:

He has been married to Leslie Ann Pace, of English nationality, since the 3rd May 1992. From this marriage, the parties had a son Nicholas Pace who was born on the 27th July 1992.

Six years ago, Leslie Ann Pace left the matrimonial home and since then she did not return back to the matrimonial home and showed no interest to ever return so much so that she established her residence in England together with the boy Nicholas Pace, who was entrusted to her by a judgement of the First Hall Civil Court given on the 8th February 1998.

.....Omissis.....

Thus by means of the present letter my client asks that he be given the necessary authorization to proceed with a cause for personal separation from his wife Leslie Anne Pace on the ground of desertion (Article 41 of Chapter 16 of the Laws of Malta).

In view of the premised I am asking you to proceed as provided in regulation 4(1) et seq. of L. N. 397/2003.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficult in the execution of the said bann you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section) above mentioned,

With the witness of the Hon. Noel Cuschieri, LL.D.
Doctor of Laws, Judge.

Today 17th June 2005.

Registry of the Civil Court (Family Section) today 21st June 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1346

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Marzu 2005, fl-atti tal-kawża Ċitazzjoni Numru 177/2004RCP, fl-ismijiet Borda Jennifer vs Borda Christopher ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Jennifer Borda, 243, High Street, Ħamrun ippreżentat Ċitazzjoni fil-31 ta' Mejju 2004, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kontra Christopher Borda, Liliana Apartments, Flat 1, Triq il-Pijunieri, Buġibba, fejn talbet il-konvenut jgħid prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli lill-konvenut u għall-finijiet ta' l-artikolu 48 (c) tal-Kapitolu sittax (16) tal-Liġijiet ta' Malta tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut għandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet ħatja tal-firda.

2. tawtorizza lill-attriċi tgħix separata mill-konvenut żewġha.

3. tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tagħhom jiġu fdati f'idejn l-attriċi salv l-aċċess tal-konvenut fil-ġranet u l-ħinijiet stabbiliti mill-Qorti.

4. tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi u l-imsemmija tfal minuri, dik ir-retta alimentarja xieraq u adegwata illi tiġi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bżonnijiet ta' l-attriċi, pagabbli mill-konvenut lill-istess attriċi fil-ġimgħa jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun biżżejjed sabiex l-attriċi tkun finanzjarjament independenti jew anqas dipendenti mill-konvenut.

5. tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti.

